MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 331/2005/1

**John Louis u Joanne konjugi Calleja**

**vs**

**Middlesea Insurance plc**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' April, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz tal-atturi li bih iddikjaraw illi bis-sahha ta' polza ta' assikurazzjoni tip *Motor Third Party Fire & Theft* is-socjeta' konvenuta kienet kopriet il-vettura proprjeta' tal-attur, Ford Mondeo, numru ta' registrazzjoni JSK125, u dan tramite s-socjeta' Fenici Insurance Agency Limited.

Illi fil-perjodu ta' validita' ta' din il-polza, u cioe' fl-14 ta' April, 2004, il-vettura tal-attur kienet giet misruqa minn San Giljan, u meta nstabet xi gimghat wara, fuq l-istess vettura kien hemm diversi hsarat ammontanti ghas-somma ta' elf u tlieta u disghin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm1,093.15), illum ekwivalenti ghal elfejn, hames mija u sitta u erbghin Euro u hamsa u tletin centezmu (€2,546.35).

U peress illi meta l-attur ha l-vettura tieghu ghat-tiswija, is-socjeta' konvenuta hallset il-vettura tal-kiri li kera l-attur waqt li l-vettura tieghu kienet ghat-tiswija, pero' qed tirrifjuta li thallas il-kont tal-*Panel Beater* u *Sprayer* ghal hsarat ikkagunati fuq il-vettura u ghax-xiri tal-*parts* necessarji ghax qed tghid li l-attur, meta nsterqitlu l-karozza kien kiser *General Condition* (4) tal-polza – *Care of Motor Vehicle* – "*the insured shall take all reasonable steps to safeguard the motor vehicle from loss of damage*."

U peress illi interpellati jhallsu l-ammont sburzat mill-attur biex isewwi l-hsara in kwistjoni ammontanti ghas-somma ta' elf u tlieta u disghin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm1,093.15), illum ekwivalenti ghal elfejn, hames mija u sitta u erbghin Euro u hamsa u tletin centezmu (€2,546.35) s-socjeta' attrici baqghet inadempjenti.

Ghalhekk, l-atturi talbu lil dan it-Tribunal jiddikjara u jiddeciedi illi mhux minnu illi l-attur kiser il-kundizzjoni numru (4), *Care of Motor Vehicle,* fil-polza in kwistjoni kif fuq imsemmi u allura l-attur kien kopert taht l-istess polza ghall-hlas tal-hsara li sofriet il-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni JSK125 konsegwenza tas-serqa tal-14 t' April, 2004.

Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur, a bazi tal-istess *Motor Policy – Third Party Risks Fire & Theft* is-somma fuq

imsemmija ta' elf u tlieta u disghin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm1,093.15), illum ekwivalenti ghal elfejn, hames mija u sitta u erbghin Euro u hamsa u tletin centezmu (€2,546.35) jew kull somma ohra verjuri li dan it-Tribunal joghgbu jillikwida.

Bl-ispejjes inkluzi dawk taz-zewg ittri legali tas-6 ta' Mejju, 2004 u tad-9 ta' Awissu, 2004 u bl-imghax legali fuq is-somma dovuta mill-25 ta' April, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi, stante li d-danni allegatament sofferti mill-atturi, kienu kkagunati minhabba nuqqas da parti tal-attur John Louis Calleja, bi ksur ta' *General Condition* 4 tal-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni.

Minghajr pregudizzju ghal premess, l-atturi jridu jaghmlu prova tad-danni rejalment subiti minnhom.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra x-xhieda tal-attur li huwa propjetarju tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JSK125, illum mibdul ghan-numru JBG809 tal-marka Ford Mondeo. Ighid li l-polza ta' assikurazzjoni kienet *comprehensive* mas-socjeta' konvenuta tramite il-*Brokers* taghha Fenici Insurance Agency Limited. Il-perjodu tal-validita' tal-polza kienet tkopri il-perjodu bejn Ottubru, 2003 sa' Ottubru, 2004.

L-attur jispjega illi fl-4 ta' April, 2004 din il-vettura nsterqet minn hdejn il-McDonalds ta' San Giljan meta nizel ghal ftit minuti sabiex jixtri *chips* ghat-tifel tieghu. Kien pogga il-vettura tieghu bhala *double parking* u nizel ghand McDonalds flimkien mat-tifel. Wara xi hames (5) minuti nizlet il-mara mill-vettura sabiex tara jekk kienux lesti u dak il-hin kien hemm ic-cwievet fl-*ignition* u sakemm

hargu mill-McDonalds flimkien ma sabux il-vettura aktar, billi nel frattemp kienet insterqet. Mill-McDonalds seta' jara biss is-saqaf tal-vetturi. Jikkonferma ukoll li kien hemm nies ghaddejjin.

Kien ghalhekk li kien mar jaghmel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija, fil-vicinanzi. L-ghada ghamel il-*claim* mal-Fenici Insurance Agencies Limited u d-Direttur Joseph Perici Calascione kien qallu li l-ewwel kellhom bzonn ir-rapport tal-Pulizija, u setghu jhallsu lill-attur biss jekk il-vettura tibqa' ma tinstabx.

L-attur ikompli jispjega illi ftit granet wara kien ghaddej u ra l-vettura tieghu li kienet qed tigi misjuqa minn xi persuna li ma kienx jaf min kien. Segwih u meta waslu hdejn Dar il-Mediterran kien dahal *wrong way* u ghalaqlu t-triq. Din il-persuna ndunat u harget tigri mill-karozza u harbet.

L-attur jispjega li mbaghad induna li l-vettura tieghu kienet giet danneggjata – kien hemm diversi daqqiet fil-*body*, il-*bumper* ta' wara kien miksur, ic-*cd player* kien maqlugh minn postu, parti mid-*dashboard* kien mkisser, kien hemm diversi toqob tas-sigaretti fis-*seats*, l-*ispare wheel* u l-*jack* kienu nieqsa, il-pum ta' wiehed mill-bibien kien imkisser u kien hemm xi affarijiet ohra zghar.

Kien ghalhekk li mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Belt, izda ma kienx caqlaq il-vettura. Kienu talbuh sabiex jiehu l-vettura d-Depot sabiex jivverifikaw il-marki tas-swaba. Meta rega' ha l-karozza lura, kien informa lil Fenici li kien sab il-vettura, izda kienet iddanneggjata.

Is-sur Perici Calascione ghan-nom tal-Fenici kien talbu li jehodha ghand min kien ser isewwi l-vettura, u dan kien ghad Karmenu's Garage, Hal Qormi u li kien ser jibghat *Surveyor* minhabba l-hsarat u wara li dan ihejji r-rapport, kien seta' jawtorizza lill-attur sabiex isewwi. Sadanittant kien

hallas *excess* ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25), u cioe’ ekwivalenti ghal tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23), u kien ukoll kera vettura ohra minghand Butterfly Garage, ghal liema kirja kellha thallas l-assikurazzjoni.

Il-vettura kienet isewwiet, izda mbaghad wara xi xahar kien kellmu t-Tellar, li kien Carmel Mifsud, u dan kien infurmah li l-assikurazzjoni ma kienitx hallsitu u kienu qed ighadduh biz-zmien.

Mar ikellem lis-sur Perici Calascione u dan wara diversi laqghat irrabbja mieghu u qallu li kienet is-socjeta’ konvenuta li kienet qed izzomm.

Kien ghalhekk li mar ghand is-socjeta’ konvenuta li kienet infurmatu li ma kienitx disposta tkoprih ghall-ispejjes ghaliex kien kiser l-kundizzjonijiet tal-polza. Minhabba f’hekk kellu xi jghid ma’ Perici Calascione u dan ghaliex ma kienx qallu l-verita’.

Ra x-xhieda ta’ Joanne Calleja li tikkonferma dak kollu li xehed zewgha u zzid tghid ukoll li minhabba li s-socjeta’ konvenuta kienet qed topponi li thallas, peress li nsistiet li kien tort taghhom ghaliex kienu traskurati meta hallew ic-cwievet fil-karozza, u kien ghalhekk kellhom jinkarigaw Avukat.

Ra x-xhieda ta’ Dr. Kenneth Grima li kkonferma li l-attur kien waqaf hdejn il-McDonalds ta’ San Giljan u nizel sabiex jixtri u halla lill-mara u l-minuri fil-karozza. Peress li kien hemm hafna nies, kien dam u sadanittant, il-mara tieghu u t-tifel minuri nizlu mill-vettura, izda kienu hallew ic-cavetta fl-*ignition*. Malli hargu raw lill-karozza taghhom miexja u ndunaw li kienu serquha.

Kien ghalhekk li kien kiteb lil Fenici Insurance Brokers Ltd. ghaliex l-attur kien ghamel *claim*, izda s-socjeta’ ma kienitx disposta li thallas lill-attur u

dan peress ma kienx ezercita *reasonable care* meta halla c-cavetta fl-*ignition* tal-karozza.

Kien ghalhekk li wara li ghamel ricerka fuq diversi sentenzi Inglizi fuq il-kuncett ta' *reasonable care*, ighid li dawn kienu enuncjaw li anke meta persuna thalli c-cavetta fil-karozza u tillarga ghal ftit minuti, xorta l-polza ghandha tkoprih ghaliex ma japplikax il-kuncett ta' *reasonable care* kif hemm fil-*general conditions* tal-polza ta' assikurazzjoni.

Kien informa lis-sur Perici Calascione permezz ta' diversi ittri (6 ta' April, 2004 u d-9 ta' Lulju, 2004), fuq dawn is-sentenzi u kien qabel mieghu, tant hu hekk li kienu krew u hallsu il-kirja ta' vettura ghall-attur sakemm issewwiet tieghu, ghaliex wara li nsterqet kien ra l-attur stess u rnexxielu jgibha lura.

Ix-xhud ikompli jispjega li Perici Calascione kien infurmah li kien jiddependi fuq is-socjeta' konvenuta biex tigi finalizzata l-*claim*. Kien ghalhekk li kiteb lis-socjeta' konvenuta fid-9 ta' Awissu, 2004, izda dawn ma kienux qablu mal-argument tieghu u ghalhekk kellu jiftah kawza, fejn qed jitlob l-*excess* li hallas, kif ukoll l-hsarat li garbet il-vettura wara li nsterqet. Kien jitkellem ma' Patrick Muscat, izda ma kienux irrispondew b'ittri.

Ra x-xhieda ta' Denise Gauci Condorato li tokkupa l-kariga ta' *Senior Executive* mas-socjeta' konvenuta, u tikkonferma li kien hemm *claim* minghand l-attur peress li hu kellu polza ta' assikurazzjoni mas-socjeta' Fenici Insurance Agency Ltd., li hija agent taghhom bhala *comprehensive*.

Tghid li huma ma kienux disposti sabiex jonoraw il-*claim* tieghu u dan minhabba li l-hsarat li garrbet il-vettura, meta kienet insterqet, u ukoll la darba l-attur kien halla c-cwievet fil-karozza, ma kienx ezercita *reasonable care* skond il-kundizzjoni

numru 4 tal-*General Conditions* tal-polza ta' assikurazzjoni.

Tghid ukoll illi l-Fenici Insurance Agency Ltd. qatt ma setghet taccetta l-*claim* diment li ma kienx hemm l-awtorizzazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

L-attur qieghed jitlob li jithallas tad-danni li soffriet il-vettura tieghu, meta nsterqet u ghal liema ammont qed topponi il-hlas is-socjeta' konvenuta, peress li qed jigi eccepit li l-attur ma ezercitax kura ragjonevoli u ghalhekk ma kienx gie kopert ghal tali danni, bil-polza ta' assikurazzjoni tieghu.

Ghandu jigi ssottolineat li l-attur kien assikurat ma' Fenici Insurance Brokers Limited, li kienu qed jagixxu bhala *Brokers* tas-socjeta' konvenuta.

Il-vettura tal-attur kienet instrqet wara li waqaf ghal ftit hin ghand McDonalds ta' San Giljan u kien halla lill-mara u lit-tifel tieghu fil-vettura. Huwa minnu li kien halla c-cwievet ukoll fl-*ignition*, izda dak il-hin kien ghad hemm martu u t-tifel, li ddecidew li jinzlu biss wara li dam biex jixtri u hadu hsiebu.

Kienet kwistjoni biss ta' ftit sekondi u sakemm imxew sal-vettura ma sabuhiex hemm aktar.

L-attur qed jitlob il-hlas tad-danni ghaliex sakemm rega' sab il-vettura tieghu u kien ghamel ir-rapport tas-serq, sab li l-vettura kienet giet danneggjata. Kien hemm diversi daqqiet fil-*body*, il-*bumper* ta' wara kien miksur, ic-*cd player* kien maqlugh minn postu, parti mid-*dashboard* kien mkisser, kien hemm diversi toqob tas-sigaretti fis-*seats*, l-*ispare wheel* u l-*jack* kienu nieqsa, il-pum ta' wiehed mill-

bibien kien imkisser u kien hemm xi affarijiet ohra zghar.

Mill-provi prodotti jirrizulta li Fenici Insurance Brokers Limited ma kienitx qed ssib problema sabiex thallas dawn id-danni u sahanisitra kienet baghtet *Surveyor* u kienet ukoll hallset ghall-kiri ta' vettura mill-attur sakemm isewwiet il-vettura assikurata. Kien hawn li bdew il-problemi ghaliex is-socjeta' konvenuta kienet qed tinsisti li ma kienitx disposta li thallas lill-attur ghaliex dan kien kiser l-kundizzjoni numru 4 tal-*General Conditions* tal-polza li kien jikkontempla:-

***"The Insured shall take all reasonable steps to safeguard the Motor Vehicle from loss or damage and to maintain the Motor Vehicle in roadworthy and efficient condition and the Company shall have at all times free and full access to examine the Motor Vehicle or any part thereof. In the event of an accident or breakdown the Motor Vehicle shall not be left unattended without proper precautions being taken to prevent further loss or damage and if the Motor Vehicle be driven before the necessary repairs are effected any extension of the damage or any further damage to the Motor Vehicle shall be excluded from the scope of the indemnity granted by this policy unless accepted by the Company."***

Il-*punto di partenza* huwa li meta assikurat jiffirma polza ta' assikurazzjoni, dan ikun irid jaghmlu u jidhol ghalih in *bona fide,* u din l-istess klawsola tkopri dawk ir-riskji li talvolta m'humiex mahsuba li jsehhu mill-assikurat a pregudizzju tieghu.

B'din il-polza, l-assikurazzjoni qed tippretendi li fi kwalsiasi mument, l-assikurat taghha jezercita dik il-kura ragjonevoli biex jissalvagwardja l-vettura tieghu. Ghalhekk, il-fatt li halla ic-cwievet fil-

vettura u nizel minnha, ghandu dan iwassal biex jigi kopert taht il-polza li kellu?

Il-fatt, hu li l-attur illarga mill-vettura tieghu u halla c-cwievet tieghu fiha, izda huwa minnu ukoll li halla lill-martu u lit-tifel tieghu fil-vettura. Kien meta dawn illargaw u ma hadux ic-cavetta maghhom li nsterqet il-vettura.

Illi huwa accettat bhala principju ewlieni tad-dritt, li l-qofol tal-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa dak li jhares lill-assikurat mir-riskji ta' grajjiet mhux mahsuba li jsehhu bi hsara ghall-istess assikurat. Ghalhekk, minn dan tohrog ir-regola generali li mhux rilevanti jekk it-telfa titnissel mit-traskuragni tal-assikurat (sakemm il-polza ma tkunx espressament rabtet lill-assikurat bl-obbligu tal-kura ragjonevoli), imma l-assikurazzjoni ma tkoprix hsara li l-assikurat igib b'idejh u ghax irid hu. Kemm hu hekk inghad li "***the general rule excludes only losses caused deliberately by the insured himself. The fact that his wife or employee, for example, intentionally destroys property he has insured does not prevent the insured who is not a party to the act from recovering"*** Wara kollox, ghamil bir-rieda ta' terza persuna jista' jkun ghal kollox accidentali ghall-vittma ta' dak l-ghamil jew ghall-assikurat innifsu.[1]

Tenut kont ta' dan, l-attur ma kellux intenzjoni li ma jiehux kura tal-vettura tieghu u meta halla c-cavetta fil-vettura tieghu dan kien minhabba li kien halla lill-martu hemmhekk u ghalhekk per konsegwenza ma kienx hemm ghalfejn ta' kura, u cioe' li jiehu c-cwievet mieghu. Oltre minn hekk, kien ghamel *double parking* u kien aktar opportun li jhalli c-cwievet hemmhekk, jekk kien jinqala' l-bzonn li martu jkollha tressaq il-vettura.

[1] Edwin Scicluna et. vs Fogg Limited noe (15/04/2004 PA)

Kienet martu li llargat mill-vettura, bl-icken hsieb li din kienet ser tinsteraq fi spazju ta' ftit sekondi, izda kienet negligenti meta telqet minghajr ma hadet ic-cwievet maghha. L-attur per se ma kienx il-persuna li kkontribiwixxa ghas-serq u lanqas kien qed jippretendi li dan jigri meta halla c-cwievet, ghaliex kien hemm terza persuna fil-vettura u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghaliex m'ghandux jigi kopert taht il-polza ta' assikurazzjoni tieghu.

Ghalhekk gie stabbilit illi l-vettura nsterqet minghand l-attur kontra r-rieda tieghu. Is-serqa kienet tikkostitwixxi element essenzjali u kostitutiv tal-ghamla ta' riskju li l-istess vettura kienet koperta ghaliha bil-polza ta' assikurazzjoni. Is-serq, ghalhekk, huwa l-kawza vera tar-riskju assikurat. Kien meta l-vettura kienet tinstab ghand il-hallelin li gew kkagunati d-danni u ghalhekk peress li d-danni sehhew waqt li l-vettura kienet ghadha misruqa dan jista' biss jigi interpretat bhala "riskju eccetwat".[2]

Tista' tghid li kwazi kull serqa ta' vettura tkun akkumpanjata b'xi ghamla ta' hsara kawzata minn min ikun seraqha (imqar jekk biex jisgassaha jew biex jiehu xi partijiet minnha jew jekk jahbat biha hu u jsuqha).

Bil-kundizzjoni numru 4 tal-polza, l-assikurazzjoni kienet tippretendi li tkopri r-riskju tas-serq diment li giet ezercitata l-kura da parti tal-assikurat. Gie stabbilit, li meta nsterqet il-vettura ma kienx tort tal-attur u meta agixxa u ghamel *claim* kien dejjem in *bona fede*.

Oltre minn hekk, id-danni li garbet il-vettura waqt li kienet misruqa, mhux bl-agir tal-assikurat, izda minn min seraqha. Ghalhekk la darba s-serq huwa

[2] Edwin Scicluna vs Fogg Limited noe. (15/04/2004 PA)

l-kawza vera, l-assikurat huwa moghti l-jedd li jitlob hlas taht il-polza, ghaliex is-serq jirrapprezenta l-kawza vera, imma mhux l-agent attwali, tal-grajja li minnha jkun garrab il-hsara.

Ghaldaqstant, dawn id-danni per konsegwenza ta' serq ghandhom jitqiesu bhala *excepted risk* u l-attur ghandu jigi kopert taht il-polza tieghu.

Dwar l-eccezzjoni fuq il-*quantum* tad-danni, it-Tribunal josserva li minkejja li tqajjmet din l-eccezzjoni u minkejja li l-attur isemmihom biss u lanqas esebixxa xi rcevuti jew dokumentazzjoni dwar kif ikkalkola d-danni li qed jippretendi, dawn pero' ma gew realment ikkontestati mis-socjeta' konvenuta allavolja l-ammont reklamat gie guramentat mill-attur.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici.

Bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba."

Il-kumpanija assiguratrici konvenuta appellat minn din is-sentenza bl-aggravji illi t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-fatti rilevanti u tal-principji legali applikabbli ghal kaz, oltre li skarta dawk relattivi ghat-tieni eccezzjoni taghha;

Skond l-atti tal-kawza jirrizulta li l-atturi ressqu *claim* lill-kumpanija assiguratrici konvenuta ghall-hsarat li l-vettura taghhom garrbet wara li din giet derubata. Il-kumpanija konvenuta opponiet ghal din it-talba bl-eccezzjoni principali illi l-attur, assigurat taghha, ma kienx ottempera ruhu kif imiss mal-kondizzjoni generali tal-Polza li tipprovdi illi "*the Insured shall take all reasonable steps to safeguard the Motor Vehicle from loss or damage ...*" (ara kopja tal-Polza a fol. 50);

L-istess atti jkomplu juru illi l-okkorrenza ghal liema l-atturi ressqu t-talba taghhom taht il-Polza tax-xorta *comprehensive* (ara xhieda ta' Denise Gauci Condorato ghas-socjeta` konvenuta a fol. 44) kienet kif gej. Fl-4 ta' April, 2004 l-attur waqaf *double parked* quddiem il-McDonalds ta' San Giljan, nizel mill-karozza flimkien ma' ibnu biex imur f'dan il-hanut u halla l-mara tieghu fil-karozza bic-cavetta fl-*ignition*. Martu ddejqet tistenna, harget hi wkoll mill-karozza, dejjem bic-cavetta fl-*ignition*, u marret fl-istess hanut. Kien f'dan il-mument li nsterqet il-karozza. L-atturi ghamlu rapport lill-Pulizija u ressqu l-*claim* taghhom lil Fenici Insurance Agency Ltd, agenti tas-socjeta` konvenuta. Wara li nstabet il-karozza huma ressqu *claim* ghad-danni vverifikati fiha;

B'dawn il-fatti t-Tribunal irraguna illi l-attur ma kellux intenzjoni li ma jiehux kura tal-vettura assigurata u ma kienx hu li kkontribwixxa ghas-serq taghha ghaliex, avolja halla c-cavetta fl-*ignition*, huwa kellu lil martu fiha meta nizel minnha u acceda fil-hanut;

F'tema ta' dritt, il-kuntratt ta' assigurazzjoni jippartecipa mix-xorta tal-kondizzjoni sospensiva kif imfissra fl-Artikolu 1063 (1), Kodici Civili, fejn, meta l-grajja ssehh, iggib l-obbligu ghall-assigurazzjoni li thallas l-indennizz. Dan jinzel ukoll b'mod evidenti mid-definizzjoni ta' l-Artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Impriza ta' l-Assigurazzjoni (Kapitolu 290). F'kuntratt bhal dan "ir-riskju hu l-oggett tieghu ossija l-presuppost tal-validita tieghu u jikkonsisti fil-possibilita ta' xi event, ekonomikament sfavorevoli ghall-assigurat u estraneju ghal volonta` tieghu. Hu s'intendi mill-verifika ta' l-event li jidderivi l-obbligu fl-assigurazzjoni li thallas l-indennita`". Ara s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Andrew Spiteri -vs- Elmo Insurance Agency Limited *nomine***", 8 ta' Gunju, 2006;

Hu notorju li kuntratt ta' assigurazzjoni spiss jikkontjeni klawsoli jew kondizzjonijiet li jiddelimitaw ir-riskju ghall-assiguratur. Hekk, ad ezempju, din id-delimitazzjoni hi

ravvizabbli fil-kaz ta' assigurazzjoni kontra s-serq fejn allura l-garanzija assigurattiva tigi subordinata ghat-tehid mill-assigurat ta' certi mizuri ta' kawteli u ta' sikurezza. Tali hu l-kaz tal-polza assigurattiva *de quo* in kwantu din tikkondizzjona lill-attur assigurat li ragonevolment jattiva ruhu biex jiskansa t-telf jew id-dannu tal-vettura. Ovvjament, l-interpretazzjoni ta' l-imgieba ta' l-assigurat hi rizervata lit-tribunal fil-mertu, b'dan li ma tistax lanqas tisfuggi il-konsiderazzjoni illi l-kondizzjoni imposta ggib maghha oneru specjali ta' diligenza fuq l-assigurat. Dan qed jigi rilevat ghaliex, fil-fehma tal-Qorti, l-espressjoni "*reasonable steps*" fil-kondizzjoni tal-polza ma jistghux ma jfissrux illi fil-kustodja tal-vettura l-attur assigurat kien mistenni li juza d-diligenza *bonus paterfamilias* fis-sens li jipprova li, fl-ghemil tieghu, huwa ma naqasx li juza l-prudenza, id-diligenza u l-hsieb tal-missier tajjeb tal-familja. Forsi, ukoll, aktar minn hekk, li hu jipprova li ha l-inizzjattivi kollha necessarji u ragonevoli f'dawk li huma vigilanza u mizuri ta' sikurezza;

Ipprecizat dan, tqum hawn il-mistoqsija jekk l-attur assigurat hax hu wkoll dawn l-istess mizuri ragonevoli meta halla l-karozza *double parked* u bic-cavetta fl-*ignition*. L-orjentament gurisprudenzjali hu li fejn persuna thalli c-cavetta fl-*ignition* u din tinsteraq hu jigi li kkontribwixxa ghas-serq taghha. Ara f'dan is-sens "**Paul Abela *et nomine* -vs- Annunziato Xuereb**", Appell Kummercjali, 11 ta' Jannar, 1989, "**RAB Limited -vs- Christopher Spiteri**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 27 ta' Frar, 2008 u "**Merlin International Ltd -vs- Mauro Anastasi *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 15 ta' Dicembru, 2005 per Imhallef Tonio Mallia;

Kif diga manifest, it-Tribunal f'dan il-kaz ma sabx li l-attur ma hax id-debita kura tal-vettura ghaliex skond hu, ghalkemm bic-cavetta fl-*ignition*, din ma kienetx inkustodita ghaliex hu halla lil martu fiha meta nizel minnha. Bir-rispett dovut din il-Qorti ma tistax leggerment taqbel ma' din il-motivazzjoni. Jekk xejn, ghaliex messu kien previdibbli wkoll ghall-attur appellat illi, ghall-fatt tad-

dewmien tieghu fil-hanut minhabba l-kju li kien hemm f'dak il-mument, martu ser tiddejjaq tistenna, tohrog mill-vettura u tmur tara fiex "konna wasalna". Dan kif minnu stess espress u mistqarr fl-Affidavit tieghu a fol. 15. Bil-kontra ta' dak affermat mit-Tribunal fis-sentenza appellata, il-kwestjoni fokali f'dan il-kaz ma kienetx wahda li kienet tiddependi, ghall-ezami u soluzzjoni taghha, fuq il-valutazzjoni ta' l-element intenzjonali soggettiv fl-attur appellat, izda dwar jekk, oggettivament konsiderati, il-fatti kienux jimmanifestaw imgieba skonsiderata u imprudenti, b'nuqqas ta' attenzjoni okulata u ta' dik tal-previzjoni ta' l-event tas-serq ghad-decizjoni tieghu li jhalli c-cavetta fl-*ignition*;

F'tema ta' assigurazzjoni l-kondizzjoni surreferita tal-polza ggib b'konsegwenza, fil-kaz ta' l-inosservanza taghha, in-negazzjoni tal-kopertura ghall-qaghda determinata li ssuccediet, tant ghaliex ma jkunux gew konsegwiti r-regoli tad-diligenza komuni, tant ukoll, ghaliex il-mankanzi ta' inizzjattivi serji u f'waqthom ma jistghux ma jitraducux ruhhom fl-inottemperanza ta' dik is-sigurta` u vigilanza li l-assigurat kien tenut li jimpjega. Qaghda bhal din ma tistax ma ggibx l-eskluzjoni tar-responsabilita tas-socjeta` assiguratrici, f'liema ipotesi il-Qorti ser ikollha tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta mit-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-appell, thassar ghal kollox is-sentenza appellata, tichad it-talba attrici di fronte ghas-socjeta` assiguratrici konvenuta, bl-ispejjez kontra l-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------